MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta tat-12 ta' Frar, 2010

Talba Numru. 160/2007

**Medtravel Company Limited (C-32165)**

**Vs**

**Jon David Limited (C-9729)**

**It-Tribunal,**

Ra l-**Avviz** fl-ismijiet premessi pprezentat fis-19 ta' Frar 2007 fejn is-socjeta` attrici qeghdha titlob lil dan it-Tribunal jikkundanna lis-socjeta` konvenuta Jon David Limited thallas is-somma komplessiva ta' mitejn u erbghin Lira Maltin (Lm240.00) in konnessjoni ma' vjaggjar u akkomodazzjoni pprovduti lilha mis-socjeta` attrici u dan billi x-xoghol kollu rez kien fil-valur ta' tlett elef u wiehed u hamsin lira Maltin (Lm3,051.00) kif jirrizulta mill-fattura numru 1205 datata t-3 ta' Marzu 2006 waqt illi s-socjeta` konvenuta hallset biss is-somma ta' elfejn tmin mija u hdax-il lira Maltin (Lm2,811.00) u ghalhekk ghadu dovut il-

bilanc fuq dettaljat liema bilanc is-socjeta` konvenuta ma hallsitx minkejja illi giet bosta drabi interpellata.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-15 ta' Settembru 2006 kif ukoll ta' l-ittra legali tas-26 ta' Gunju 2006. Bl-imghaxijiet kummercjali sad-data tal-effettiv pagament, kollox kontra s-socjeta` konvenuta ingunta in subizzjoni.

Ra r-**Risposta** tas-socjeta` konvenuta ta' l-14 ta' Marzu 2007 li permezz taghha ecceppiet illi t-talba tas-socjeta` attrici fil-konfront tas-socjeta` konvenuta hija nfondata fil-fatt u fid-dritt, stante li s-socjeta` konvenuta ma ghandha thallas xejn lis-socjeta` attrici.

Illi kienet l-istess socjeta` attrici li accettat tnaqqas il-fattura originali taghha.

Sema` x-xhiedha kollha u ha konjizzjoni tad-dokumenti kollha esebiti.

Ra illi l-kawza thalliet ghal-llum ghad-decizjoni wara illi d-difensuri tal-partijiet ttrattaw il-kawza.

Ikkunsidra :

Illi xehdet **Claudette Mifsud** in rapprezentanza tas-socjeta` attrici nhar is-17 ta' Mejju 2007 fejn ikkonfermat illi s-socjeta` konvenuta, li kienet klijenta tas-socjeta` attrici kienu *on credit* u kienet ghadha ma hallsitx sa' dak in-nhar. Illi l-istess xhud ipprezentat kopja ta' *e-mail* mibghut minghand certu Sur Farrugia minn Jon David Limited fejn kien infurma lis-socjeta` attrici li meta kien l-Amerika sab prezzijiet irhas u allura hallas ghall-biljetti u hallas dak illi dehrlu kien xieraq, u l-kumplament ma hallashomx.

Illi permezz ta' nota tat-18 ta' Marzu 2008 is-socjeta` attrici pprezentat is-segwenti dokumenti:

1. Affidavit ta' Claudette Mifsud anness u mmarkat bhala dokument CM1.

2. Id-dokumenti u l-korrispondenza relattivi ghall-kaz, annessi bhala dokument CM2.
3. Kopja legali ta' l-ittra ufficjali pprezentata kontra s-socjeta` konvenuta, annessa bhala dokument CM3.

Illi t-Tribunal analizza l-affidavit immarkat bhala document CM1 fejn **Claudette Mifsud** ikkonfermat illi s-socjeta` konvenuta ghandha bilanc dovut lis-socjeta` attrici ta' mitejn u erbghin lira Maltin (Lm240.00) rapprezentanti servizzi moghtija lill-kumpanija. Inoltre, hi kkonfermat illi s-Sur Farrugia ma riedx ihallas minhabba illi meta kien fl-Istati Uniti kien sab rati iktar baxxi tal-lukandi minn dawk illi kienet ipprovdietlu s-socjeta` attrici. Ikkonfermat ukoll illi s-socjeta` konvenuta kienet giet ghand is-socjeta` attrici fl-ahhar minuta sabiex taghmel il-*booking* u ghalhekk kien difficli sabiex issib post minhabba illi kollox kien mimli u l-unika lukanda illi kien irnexxielhom isibu kienet il-*Mansfield Hotel*, liema *booking* gie kkonfermat tramite *e-mail* mibghut minn John David Farrugia fit-22 ta' Frar 2006. Illi ikkonfermat ukoll li s-Sur Farrugia qatt ma ta *quote* ta' l-allegat prezz irhas illi hu kien sab mill-istess lukanda;

Mill-istess *affidavit* jirrizulta illi mill-komunika li ghamlet is-socjeta` attrici mal-lukanda gewwa l-Istati Uniti, ikkonfermaw illi *"at no time do we disclose any rates to our guests who have pre-paid through a third party travel agency."* Permezz ta' komunika ohra, gie rilevat illi, s-socjeta` konvenuta qatt ma kienet ilmentat dwar ir-rata.
Finalment, saret referenza fl-istess *affidavit* ghall-eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta u cioe` "*illi kienet l-istess socjeta` attrici li accettat tnaqqas il-fattura originali taghha*" fejn is-socjeta` attrici cahdet il-kontenut ta' dan l-*istatement*. Di piu` ikkonfermat illi li kien sar kien illi bi *buona volonta*` kienet offriet illi s-socjeta` konvenuta thallas nofs id-differenza bil-patt u l-kundizzjoni illi din tihallas hekk kif tigi r-risposta mil-lukanda).

Illi xehed **Jon Farrugia** in rapprezenta tas-socjeta` konvenuta fit-22 ta' Ottubru 2008 fejn ikkonferma illi l-mertu ta' din il-kawza jikkoncerna t-tieni *booking* li s-socjeta` konvenuta kienet ghamlet mas-socjeta` attrici li

kien vjagg ghal New York, u kien ix-xhud li beda l-*booking* u dan kien tkompla minn missieru.

Illi t-Tribunal ha konjizzjoni ta’ l-*affidavit* ta’ Claudette Mifsud ipprezentat nhar id-29 ta’ Mejju 2009 fejn tikkontradixxi x-xhieda ta’ Jon David u dan fir-rigward ta’ l-uzu ta’ *e-mail addresses* u dan hekk kif ikkonfermati fi-dokument XY anness ma’ l-istess affidavit konsistenti f’serie ta’ *e-mails.*

Ikkunsidra :

Illi din hija talba ghall-hlas ta’ hames mija u disa` u hamsin Euro u hames centezmu (€559.05) - gja Lm240 -, bilanc minn somma akbar kif rappresentat f’fattura mahruga mis-socjeta` attrici.

Illi in linea ta’ difiza ghat-talba maghmula, s-socjeta` konvenuta tirrispondi billi tghid illi l-ammont riklamat mhux dovut peress illi kienet l-istess socjeta` attrici illi skontat l-istess fattura.

Illi mill-ezami akkurat tal-provi migjuba, jirrizulta illi s-socjeta` attrici irrilaxxjat fattura u minnha baqa` mhux mhallas mis-socjeta` konvenuta s-somma ta’ €559.05. Ma jirrizultax illi s-socjeta` attrici tat xi skont lis-socjeta` konvenuta.

Anzi – jirrizulta illi jekk kien hemm problema dwar il-prezz li rappresentant tas-socjeta` konvenuta hallas ghall-lukanda gewwa New York, il-Mansfield Hotel, u dan peress illi fehmet, is-socjeta` konvneuta li ma kelliex thallas daqsekk, jirrizulta illi l-booking tal-lukanda de quo, bil-prezz indikat ta’ Lm94 kull lejl, kien ikkonfermat mis-socjeta` konvenuta. Mhux skuza illi Jon Farrugia ighid illi seta` kien missieru illi kkonferma bl-e-mail u mhux hu.

La s-socjeta` attrici irceviet confirmation tal-booking min ghand is-socjeta` konvenuta, din ma kelliex ghalfejn ma taghmilx il-booking u wisq anqas issa ma ghandiex ghalfejn ma tithallasx tal-booking minnha maghmul.

Illi dan kollu jaghmel superfluwa d-difiza li qed taghti s-socjeta` konvenuta biex ma thallasx il-bilanc rimanenti ta' €559.05. Fuq kollox minn mkien ma jirrizulta dak allegat fir-risposta tas-socjeta` konvenuta – illi s-socjeta` attrici kkonsentiet ghal xi tnaqqis fl-ammont tal-fattura originali.

**GHALDAQSTANT**, ghar-ragunijiet hawn fuq moghtija u wara illi ha konjizzjoni tal-provi kollha maghmula, it-Tribunal b'ekwita` jaqta` u jiddeciedi billi filwaqt illi jichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta, jilqa` t-talba attrici u jikkundanna lill-istess socjeta` konvenuta thallas lil dik attrici s-somma ta' hames mija u disa` u hamsin Euro u hames centezmu (€559.05) - gja Lm240 ghar-ragunijiet indikati fl-Avviz.

Bl-ispejjes u bl-imghax kif mitluba fl-Avviz kontra s-socjeta` konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------